MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Numru 878/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR SIMON GALEA**

**VS**

**SILVIO BORG**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Silvio Borg ta' 44 sena bin John u Victoria nee' Brincat imwieled Pieta' fit-28 ta' Marzu 1960, residenti fil-fond numru 12, Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, L/O Naxxar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 249460 (M);

Talli fiss-27 ta’ Novembru, 2002, u fis-snin ta’ qabel, fil-fond numru 12, Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, L/O Naxxar, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala l-persuna li ghandu f’idejh l-imsemmi fond, b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm100.00 u anqas minn Lm1000.00 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur;

U aktar talli ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

War li semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti tatu zmien jikkonsidra d-dikjarazzjoni tieghu skond il-Ligi;

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;

Rat il-verbal taghha tal-lum, fejn gie kkonfermat li l-imputat kien hallas ghas-saldu l-ammond mitlub mill-Korporazzjoni Enemalta;

Rat l-Artikolu 283 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------